**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U GĦOXRIN**

**24 ta' Mejju, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson is-Sur Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**SKUŻATI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia preseda l-laqgħa.

**24.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

24.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward ta' punt 23.2.6 jaqbel perfettament mal-membru Joseph D'Amato fir-rigward ta' tindif ta' plot privat fi Triq il-Qiegħa minħabba li kien hemm attivita.

24.1.2 Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura.

***24.2*** ***Attivitajiet Kulturali – Tieġ tradizzjonali Malti***

24.2.1 It-Tieġ Tradizzjonali Malti li sar nhar is-Sibt 21 ta' Mejju,2016 (fondi mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, speċifikament fuq 5 affarijiet totalment jammontaw għall-€2,000).

L-invoices daħlu llum u ser jitħalsu għada waqt is-seduta tal-Kunsill.

Iċ-Chairperson qal li r-reklami bla ħlas li dehru fuq il-media swew ħafna, għaliex dawk preżenti għall-attivita, fil-maġġoranza tagħhom kienu minn barra r-raħal. Kien ikun aħjar li ntnefqu flus fir-reklamar biex ikun hemm aktar konkorrenza.
L-istands tal-ikel żdiedu u l-ikel inbiegħ kollu. Iċ-Chairperson żied jgħid li kien hemm kollaborazzjoni sħieħa mas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM. Hu żied jgħid li l-press conference ma saritx mhux minn naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, imma minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u s-Segretarjat. B'dan kollu s-soċjeta' hi infurmata.

23.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-attivita' 'Snajja u Artiġjanat fiż-Żurrieq' bi qbil bejn l-Għaqda Karmelitana u Banda QV ( li ser tgħin fl-attivita') u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali inbidlitilha d-data u ser issir fid-29 ta' Ottubru, 2016.

**24.3 Suġġerimenti u ilmenti**

24.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha ilment minn resident fi Triq Kalanġ Bugeja li mill-kantuniera sal-ewwel parking bay m'hemmx 5 metru tul yellow lines.

Kien hemm qbil li jiġi ċċekjat il-każ u jekk hu veru, tiġi rranġata l-ewwel parking bay.

24.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia kkummenta fuq l-email li s-Segretarju Eżekuttiv fuq ordni tiegħu, bagħtet lill-Kumpanija Callus Landscaping Ltd, biex tinfurmah li wara li l-Kumitat Amministrattiv kien imwiegħed li ser jitħawlu fjuri fis-central strip u roundabouts f'Bubaqra, qabel l-attivita' tat-Tieġ Malti, tali fjuri ma tħawlux. Ir-risposta ta' Callus Landscaping kienet li tħawlu fjuri tat-tip Verbena, imma jridu ż-żmien biex jifjurixxu. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv pretenda li wara 4 xhur servizz mill-Kumpanija Callus Landscaping, kien jistenna li ma jkunx hemm għalfejn li tinġibed l-attenzjoni biex jitħawlu l-fjuri u li ġaladarba tħawlu daqshekk tard, kien imisshom tħawlu bil-fjuri fjurixxiti mill-ewwel, kif isir minn kumpaniji oħra. Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ma jarax li r-risposti għall-email tal-Kumitat Amministrattiv, jintbgħatu lill-persuni 'l barra mill-Kumitat għax fl-aħħar mill-aħħar il-Kumitat Amministrattiv qed iħallas għas-servizz. Hu żied jgħid li l-Kumitat Amministrattiv qed ikun injorat minn din il-Kumpanija għaliex barra li ma jagħmilx ix-xogħol meħtieġ qed jinjora li jibgħat risposta lill-

Kumitat Amministrattiv, imma minflok qed jibgħat ir-risposta tiegħu lis-Sindku..

24.3.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li lanqas it-tisqijiet mhuma jsiru f'Bubaqra.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kumitat Amministrattiv jitlob lill-Kunsill biex f'ismu tinħareġ l-ewwel default notice fir-rigward lill-Kumpanija
24.3.4 Callus Landscaping Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-riżultati li inġabru bil-quotations li infetħu illum f'nofsinhar, fir-rigward ta':
Quote 1 'Playing Equipement' u
Quote 2 ''Safety surface' għal art fi Triq Fra Gammarie Zammit

| Offerent | M QUIP LTD | JGC LTD | OPAL | GOKKER |
|---|---|---|---|---|
| Quote 1 | €3,999.96 | €3,850 | €3,995 | 1.€3,609.86<br>2.€3,989.52 |
| Quote 2 | €4,191.50 | €2,372.40 for an area of 72sq m only | €3,960 | €3,466.84 |

24.3.5

Waqt diskussjoni kien hemm qbil unanimu li Quote 2 joħodha l-orħos offerent Gokker għall-ammont ta' €3,466.84.
Fir-rigward ta' Quote 1 kien hemm qbil unanimu li tintagħżel part 2 ta' Gokker minħabba li kienet it-tieni l-orħos offerta, imma hi l-isbaħ playing equipment.

24.3.6 B'referenza għax-xogħol li qed isir fi Triq Fra Gammari Zammit kien hemm qbil li jintalab appuntament mal-periti kkonċernati biex kulħadd ikun magħrraf x'ser isir. Kien hemm qbil li l-appuntament jintalab wara nofsinhar, biex ikunu jistgħu jattendu l-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

24.3.7 Il-membru Kevin Sam Farrugia qal li l-pjanċa miżbugħa b'kulur li jagħti fil-għajn mal-'U' bar li hemm fi Triq il-Luq għada ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din ġiet ordnata imma ma tlestitx.

24.3.8 Il-membru Joseph D'Amato staqsa x'sar mir-rapporti tat-trinka li niżlet wara ftit ġimgħat u li saret mingħajr permess fi Triq Sant Agatha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-każ għadu f'idejn l-ispettur tal-Pulizija taż-Żurrieq.

***24.4*** ***Appuntament għas-Seduta li jmiss***

24.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:55 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju, 2016 fil-17:30.

Konfermati, illum 21 ta' Ġunju, 2016

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |